MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2009

Citazzjoni Numru. 1506/1992/1

**Carmelo *sive* Charles Ellul Sullivan bhala Direttur ghan-nom u in rappresentenza tas-socjeta` J. Cachia Caruana Limited.**

**vs.**

**Il-Kontrollur tad-Dwana.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 30 ta' Dicembru 1992 a fol. 1 tal-process, u pprezentata quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Frank G. Camilleri fejn gie premess:-

Illi s-socjeta` attrici hallset indebitament u taht protesta lill-konvenut is-somma ta' hamest elef mija u tnejn u

hamsin Lira Maltin (Lm5,152) u liema flus kienu pretizi indebitament mill-konvenut bhala importazzjoni ta' "PIMS Biscuits" meta l-istess ma kienux dovuti dan kif jidher mir-ricevuta numru 79176 minnu rilaxxat fit-8 ta' Novembru 1990 kif jirrizulta minn kopji ta' Dokumenti "A", "B", "C" u "D";

Illi l-konvenut huwa ghalhekk obbligat jirrifondi tali flus lilu mhallsa indebitament kif inghad *stante* illi dawn ma kienux dovuti bhala imposta skont l-Att tal-1989 dwar il-Promozzjoni ta' Prodotti Lokali (Att XXXI tal-1989);

Illi l-konvenut gie inutilment interpellat ihallas tali ammont permezz ta' ittra ufficjali tal-eseibta Dok. "E" u Dok "F";

Illi ghalhekk l-istess atturi talbu lill-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tikkundannah ihallas u jirrifondi ghar-ragunijiet premessi lis-socjeta` attrici s-somma ta' hamest elef mija u tnejn u hamsin Lira Maltin (Lm5,152) liema flus kienu pretizi indebitament mill-konvenut ghal-*levy* allegatament dovuta fuq l-importazzjoni u thallsu indebitament mis-socjeta` attrici lill-konvenut.

Bl-imghax min-notifika tal-ittra ufficjali tal-31 ta' Dicembru 1991 u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-31 ta' Dicembru 1991 u tas-7 ta' Settembru 1992 u bir-riserva ta' kull azzjoni fil-ligi kontra l-konvenut li jibqa' minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur *nomine* a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista tax-xhieda u dokumenti esebiti a fol. 4 tal-process;

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smigh minn din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Frank G. Camilleri ghas-seduta tal-24 ta' Mejju 1993.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-Kontrollur tad-Dwana datata 15 ta' Marzu 1993 a fol. 15 tal-process fejn eccepixxa:-

1. Illi mhux minnu illi gie mhallas l-ammont ta' hamest elef mija u tnejn u hamsin lira Maltin (Lm5,152) bhala depozitu ghal-*levy*;

2. Illi l-istess dokumenti pprezentati mill-atturi ghadhom timbri tad-Dwana foloz.

3. Illi hemm kawzi kemm civili kif ukoll kriminali ghad-dazju kontra l-istess atturi *stante* dawn it-timbri foloz u l-ezitu ta' din il-kawza ghandha tistenna l-ezitu ta' dawn il-kazi;

4. Illi l-istess atturi jafu b'dan u nfethet din il-kawza inutilment;

5. Illi l-ispejjez fi kwalunkwe kaz, f'din il-kawza u proceduri kollha konnessi, kif ukoll imghax relattiv ghandhom jigu sofferti mill-atturi.

6. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenut a fol. 15 u 16 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti kollha mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Frank G. Camilleri mill-24 ta' Mejju 1993 sat-2 ta' Gunju 2000.

Rat il-verbali tas-seduti kollha mizmuma quddiem il-Qorti kif hekk presjeduta mis-7 ta' Novembru 2000 sat-8 ta' Ottubru 2002.

Rat il-verbali tas-seduti kollha mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri mill-25 ta' Ottubru 2002 sat-28 ta' Ottubru 2005 fejn il-kawza giet differita ghall-informazzjni ulterjuri.

Rat in-nota tal-Kontrollur tad-Dwana datata 19 ta' Jannar 2009 (fol. 143) li permezz taghha esebixxa kopji tad-decizjonijiet (Dok "KD 1" sa Dok "KD 4").

Rat il-verbali tas-seduti kollha mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk presjeduta fejn fis-seduta tas-7 ta' Mejju 2009 d-difensuri tal-partijiet irrimettew ruhhom ghall-atti tal-kawza u fit-18 ta' Gunju 2009 il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-26 ta' Novembru 2009.

Rat ix-xhieda kollha moghtija.

Rat l-atti kollha pprezentati mill-partijiet u d-digrieti relattivi.

Rat is-sentenzi kollha esebiti.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi din hija kawza fejn is-socjeta' attrici qed titlob li jigi rifuz lilha l-ammont ta' Lm5,152 li hija qed tghid li hallset indebitament bhal *levy* lid-Dwana fuq il-prodotti ndikati fid-dokumenti mac-citazzjoni attrici skont ricevuta datata 8 ta' Novembru 1990 numru 79176 (Dok. "C") (ukoll esebita bhala Dok. "KD 6" – fol. 391) peress li sostniet li skont H.S. Code 1905.90.99 tali prodotti kienu ezentati mill-hlas ta' tali *levy*.

Illi l-Kontrollur tad-Dwana sostna li ma sar ebda hlas kif indikat fic-citazzjoni attrici peress li d-dokumenti pprezentati mis-socjeta' attrici kellhom timbri foloz, tant li fost ohrajn fuq l-istess gew mibdija proceduri civili u kriminali sabiex jigi stabbilit li effettivament tali timbri kienu tad-Dwana u kienu foloz.

Illi fil-fatt jirrizulta li b'sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (JGD) datata 20 ta' Marzu 2003 fl-ismijiet **"Il-Pulizija vs Andrew Ellul Sullivan et"** gie stabbilit li effettivament it-

timbru tad-Dwana li kien uzat anke fir-rigward tal-oggetti u dokumenti mertu tal-kawza odjerna, liema timbru kien jindika *“RECEIVED PAYMENT”* kien fil-fatt timbru falz u dan kien jirreferi ghad-dokumenti kollha mmarkati fl-istess kawza kriminali bhala Dok. “HA 1” sa Dok. “HA 47” u Dok. “HA 68” sa Dok. “HA 95”, u fost dawn l-istess dokumenti kien hemm allura dak li huwa mmarkat bhala Dok. “HA 39” (hawn esebit bhala Dok. “KD6” (fol. 391) u Dok. “C” mac-citazzjoni attrici), li jfisser li allura fejn hemm indikat li kien sar pagament ta’ l-istess ammont msemmi fic-citazzjoni attrici, fl-ahjar ipotesi ma jistax jitqies bhala prova ta’ pagament, *proprio* ghaliex l-istess timbru ma kienx wiehed minn dak uzat mid-Dwana izda kien wiehed falz. Dan jinsab spjegat b’mod dettaljat fl-istess sentenza tal-Onorabbli Qorti Kriminali, u jinghad ukoll fl-istess sentenza li ma giex ippruvat lanqas li tali ammonti hemm indikati (allura nkluz l-ammont mertu ta’ din il-kawza) thallas lill-intimat.

Illi minn dan kollu gie allura ppruvat li la darba l-istess timbru huwa falz, mela allura l-istess dokumenti annessi mac-citazzjoni attrici ma kienux jammontaw ghall-prova ta’ hlas ta’ l-imsemmija *levy* mis-socjeta’ attrici, u allura kien jispetta lill-istess sosjeta’ attrici li allura anke permezz ta’ mezzi ohra tipprova l-hlas tal-ammonti li hija qed tallega li saru, u dan anke in vista tal-principju li minn jallega jrid jipprova. Illi din il-prova la saret fil-kawza kriminali citata, u lanqas saret f’din il-kawza, u fil-fatt jinghad li tali pagament lanqas kien jirrizulta mill-kotba tas-socjeta’ attrici.

Illi dwar din is-sentenza kriminali saru kawzi kostituzzjonali hawn esebiti fl-atti processwali ta’ din il-kawza u dawn fl-ismijiet **“Andrew Ellul Sullivan et vs Il-Kummissarju tal-Pulizija et”** (Q.K. 651/1998 – 18 ta’ Gunju 2003 u Q.K. 10/2003) - 18 ta’ Gunju 2003) fejn l-ezitu tal-kawza kriminali ma’ giex b’xi mod mittiefes peress li fl-istess kawzi l-istess Onorabbli Qorti Kostituzzjonali sabet li l-konkluzjonijiet li l-istess Onorabbli Qorti Kriminali waslet ghalihom, u l-ligi li fuqhom l-istess Qorti, nkluz id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 77 tal-Kap. 37 u l-artikolu 13 tal-Kap. 249,** bl-ebda mod ma jiksru d-drittijiet ta’ smigh xieraq prottet kemm bl-**artikolu 39 tal-**

**Kostituzzjoni u l-artikolu 6 (2) ta' l-Ewwel Skeda tal-Kap. 319.**

Illi fl-isfond ta' dan kollu jinghad li la darba dawn l-istess sentenzi gew esebiti fl-atti ta' din il-kawza u fil-fatt dawn huma kwazi l-unici provi li ngabu f'din il-kawza, hlief ghad-dokumenti esebiti mac-citazzjoni attrici, u ghad-dokumenti esebiti mill-intimat fin-nota tieghu datata 21 ta' Jannar 2009 (Dok. "KD5" u "KD 6"), l-istess sentenzi jikkostitwixxu provi f'din il-kawza, u mill-istess decizjonijiet u l-atti tal-process odjern, jista' jinghad li la darba gie ppruvat li t-timbru tad-Dwana li jindika hlas ta' ammonti kien falz, mela allura kien jispetta lis-socjeta' attrici li permezz ta' mezzi ohra tipprova l-allegazzjoni taghha ta' hlas, u dan ghaliex hija ghamlet tali allegazzjoni ta' pagament u dan in vista tal-principju *"onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat",* u dan iktar u iktar meta l-imsemmi timbru la darba ddikjarat falz, ma jistax iwassal ghal xi deduzzjoni ta' hlas ta' l-ammonti mertu tal-kawza odjerna. Jirrizulta li din l-prova ta' hlas ma saritx mis-socjeta' attrici, lanqas f'dawn il-proceduri, u dan huwa wkoll saldat mill-fatt li l-istess partijiet fil-kawza b'verbal datat 7 ta' Mejju 2009 ddikjaraw *tramite* d-difensuri legali taghhom, li jirrimettu ruhhom ghall-atti tal-kawza, atti li bazikament jikkonsistu fis-sentenzi fuq citati u ohrajn ukoll esebiti b'nota tal-intimat datata 19 ta' Jannar 2009 (fol. 143) bhala bhala Dok. "KD1" sa Dok. "KD4", u Dok. "IG1" u Dok. "IG2" esebiti mar-rikors tal-intimat datat 13 ta' Jannar 2005 (fol. 50).

Illi fil-fatt dan jinsab ukoll ikkonfermat min-nota tal-intimat datata 21 ta' Jannar 2009 (fol. 385) u mid-dokumenti maghha esebiti, li ma jhallu l-ebda dubju li t-timbri tad-Dwana li intuzaw fuq id-dokumenti dwar l-oggetti u hlasijiet mertu tal-kawza odjerna (Dok. "KD6" (Dok. "HA 39 - fil-process kriminali)), kienu wkoll falsifikati, u kienu fil-fatt dokumenti li kienu nkluzi wkoll fil-kawza kriminali fuq citata deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **"Il-Pulizija vs Andrew Ellul Sullivan et" "Il-Pulizija vs Andrew Ellul Sullivan et"** deciza fid-19 ta' Jannar 2009 (Dok. "KD1" u Dok. "IG2"). B'hekk it-talba attrici qed tigi michuda peress li ma saritx il-prova tal-hlas

tal-istess ammont li s-socjeta' attrici allegat li hallset lill-intimat, u konsegwentement l-istess talba attrici ghar-rifuzjoni tal-istess ammont mill-intimat ma tistax tigi milqugha.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet tal-intimat in kwantu konsistenti ma' dak hawn deciz, **tichad it-talba attrici** ghaliex hija nfondata fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet hawn decizi.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------